**QORTI TAL-APPELL**

**(Kompetenza Inferjuri)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Appell Nru. 89/19 GM**

**Albert Beliard**

**vs**

**Director tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-**

***Expatriate Affairs***

Il-Qorti:

Permezz ta' deċiżjoni datata 04.11.2019 il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni ċaħad it-talba ta' Albert Beliard billi l-appell tiegħu ma kien sostnut bl-ebda aggravju. Lanqas biss ġie pprovdut b'kopja tad-deċiżjoni ta' Identity Malta li minnha kien qiegħed isir l-appell.

Il-preġudizzjali quddiem din il-Qorti hi li Beliard ma ngħatax l-opportunita` ta' smiegħ li l-appellant isostni li kellu jikkonsisti fi *hearing*. Dan l-ilment huwa mingħajr bażi. Kif tajjeb irrilevat fil-ġurisprudenza ċċitata mill-abbli Avukat tal-Istat, l-essenzjal tal-*fair hearing* hu li kull parti tingħata l-opportunita` li tressaq il-każ tagħha, b'mod li l-Qorti tkun f'qagħda li, kif jgħid il-Malti, tisma' ż-żewġt iqniepel. M'hemmx għalfejn li jkun hemm trattazzjoni orali. Barra minn hekk, hija għal għal kollox inaċettabbli l-qagħda tal-appellant li quddiem il-Bord ma pproduċa l-ebda aggravju in sostenn tal-appell tiegħu u minn fuq jippretendi li l-Bord jagħmillu xogħlu hu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca